**21 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Philip Sammut ne.

*versus*

Ersilia Zahra

**Eżekutur Testamentarju — Amministrazzjoni — Dokumenti u Ħwejjeġ tal-Wirt — Art. 799 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.**

*Talba ta' eżekutur testamentarju biex jiġu lilu konsenjati d-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ereditá, u li huma meħtieġa biex hu jkun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' eżekutur testamentarju, għandha tiġi eżaminata unikament bħala magħmula fil-kwalitá tiegħu ta' eżekutur testamentarju, indipendentement minn kull dritt jew interesss li hu jista' jkollu personalment fl-istess ereditá.*

*Il-Kodiċi Tagħna ma jagħmelx distinzjoni bejn eżekutur testamentarju sempliċi u eżekutur testamentarju rivestit bl-amministrazzjoni tal-assi ereditarju; imma ma jidherx li jista' jkun hemm dubju illi, skond is-sens u l-ispiritu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istess Kodiċi, u bħala punt ta' liġi, l-eżekutur testamentarju, anki jekk sempliċi, għandu dritt jitlob il-pussess u jkollu aċċess għal dawk il-ħwejjeġ tal-ereditá, partikularment dokumenti, li jkunu meħtieġa biex hu jkun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. L-estensjoni, mbagħad, u l-forma konkreta ta' dan id-dritt jiddependu mit-termini tat-testment li bih l-inkariku jkun ġie mogħti lill-eżekutur testamentarju, kombinati mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna.*

*Jekk l-eżekutur testamentarju ġie nominat bil-fakoltajiet kollha neċessarji biss, u ma ġewx mogħtija espressament funzjonijiet oħra straordinarji, għandu jitqies li hu għandu biss il-fakoltajiet li tagħti l-liġi lill-funzjonarji simili. Dawn il-*

*funzjonijiet huma indubbjament dawk tipiċi u essenzjali ta' kull eżekutur, inerenti fl-isem tiegħu stess, li jeżegwixxi u jikkura l-eżekuzzjoni tal-aħħar rieda tat-testatur, imfissra fit-testment; u għalhekk, bħala tali, għandu dritt li jkollu l-pussess tal-ħwejjeġ ereditarji li huma meħtieġa biex hu jaqdi l-inkariku tiegħu.*

*Dan il-pussess mhux inkonċiljabbli mad-drittijiet tal-eredi universali; u kwindi, jekk dawk il-ħwejjeġ ereditarji jkunu fil-pussess tal-eredi universali, dan ma jistgħax jirrifjuta li jikkonsenjahom lill-eżekutur testamentarju fuq il-mottiv illi b'hekk huwa jiġi spossessat mill-oġġetti tal-wirt.*

*B'dan kollu, jixraq li jiġu konċiljati dan id-dritt tal-eżekutur testamentarju mad-drittijiet u l-interessi tal-eredi; u għalhekk hu sewwa li l-Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni dwar liema oġġetti għandhom jiġu konsenjati lill-eżekutur m'll-eredi, għal kemm żmien u taħt liema modalitajiet; u dan appuntu sabiex jiġu konċiljati d-drittijiet u l-interessi tal-wieħed u tal-ieħor.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta li b'testment "unica charta" tas-16 ta' Awissu 1947, il-mejtin Giovanni u Maria miżżewġin Sammut, ġenituri tal-kontendenti, kienu nnominawh bħala eżekutur testamentarju; liema eżekutorija ġiet konfermata mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti b'digriet tat-28 ta' Ġunju 1957 (Digriet numru 8127/1957); u li fil-pussess tal-konvenuta hemm diversi kotba, obligazzjonijiet, kuntratti, moduli, kupuni, u dokumenti oħra li huwa għandu bżonn li jkollu f'idejh biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu; u li l-konvenuta, interpellata diversi drabi, anki uffiċjalment, biex tikkonsenja dawn id-dokumenti, kienet qegħeda tirrifjuta li tikkonsenjalu l-istess oġġetti; talab illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenuta, għar-raġunijiet premessi, tiġi kundannata tikkonsenjalu fil-kwalità tiegħu premessa, fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dik il-Qorti, dawk il-kotba, obligazzjonijiet, kuntratti, moduli, kupuni, u kull

xorta ta' dokument ieħor li għandhom x'jaqsmu mal-eredità ta' Giovanni u Maria miżżewġin Sammut, u li huma neċessarji biex huwa jkun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' eżekutur testamentarju tal-ġenituri tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju 1957, kontra l-konvenuta;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Awissu 1957, li biha rriġettat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u laqgħet it-talba tal-attur, u għall-finijiet tagħha ppreffiġġiet lill-konvenuta żmien ta' għaxart' ijiem; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok il-konvenuta teċċepixxi li ma hemmx lok ta' urġenza f'din il-kawża, għaliex missier il-kontendenti ilu li miet sentejn. Din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. Li l-attur ma pproċediex qabel, u mill-ewwel, kien dovut għall-fatt li huwa u l-konvenuta, kif irriżulta, kienu waslu biex jirranġaw bejniethom xi pendenzi inerenti għall-eredità tal-ġenituri tagħhom; imma issa, li minn xi ftit żmien l-hawn il-konvenuta ma tridx tirranġa bonarjament dawk il-pendenzi, hemm lok li l-attur, bħala eżekutur testamentarju tal-volontà tal-ġenituri tiegħu, jipproċedi bla dewmien biex jeżegwixxi dik il-volontà; iżjed u iżjed li missier il-kontendenti, li kien it-testatur superstiti, ġa ilu li miet sentejn u għadu ma sar xejn;

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta lanqas ma hi sostenibbli. Il-fatt li l-konvenuta hija eredi ma jintitolahiex li żżomm f'idejha l-oġġetti mitluba mill-attur. L-ewwelnett għaliex, sakemm ma jkunx hemm xi arranġament ta' kwittanza reċiproka bejnu u l-konvenuta, l-attur, bħala eżekutur testamentarju, hu fl-obligu li jeżegwixxi l-volontà tat-testaturi, indipendentement jekk l-eredi hijiex il-konvenuta jew ħadd ieħor; u biex jagħmel hekk huwa jkollu bżonn, u għandu dritt ukoll, li jkollu f'idejh kull ħaġa li tista' sservieh għall-adempiment ta' dak l-obligu. Kwindi xejn ma jiswa dak li ssottomettiet il-konvenuta fit-trattazzjoni tal-kawża, jiġifieri li, ladarba hi l-eredi, ma hemmx bżonn

li jkun hemm l-eżekutur testamentarju. Infatti, it-testaturi kienu jafu x'iddisponew, u ntant innominaw eżekutur testamentarju, għaliex deħrilhom li għandhom jagħmlu hekk. Għal din ir-raġuni biss, il-konvenuta għandha tirrispetta din in-nomina, u ma tmurx kontra l-volontà tat-testaturi. Mbgħad, jekk hu veru li l-konvenuta hi eredi, l-attur hu użufruttwarju; u għalhekk, daqsha, anzi iżjed minnha, huwa għandu nteress li jkollu f'idejh l-oġġetti minnu mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-attur jista' f'ċerti eventwalità, kif jirriżulta mit-testment, ikun ukoll eredi tal-ġenituri tiegħu flimkien mal-konvenuta; u għalhekk, anki taħt dan l-aspett, hu għandu nteress daqs il-konvenuta li jkollu f'idejh dawk l-oġġetti, apparti d-dritt għalihom bħala eżekutur;

Illi l-konvenuta fix-xhieda tagħha, speċjalment fil-kontro-eżami, tammetti li għandha f'idejha reġistri, skritturi, libretti, u ħwejjeġ oħra li jirrigwardaw l-eredità tat-testaturi, u li kwindi għandhom ikunu għand l-attur bħala eżekutur testamentarju;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha appellat minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha, li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata, billi t-talba tal-attur tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur fol. 65, li biha indika liema huma d-dokumenti li għandu bżonn biex jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

L-ewwelnett għandu jiġi miftiehem ċar, biex jiġi evitat kull ekwivoku, li l-attur qiegħed jaġixxi biss "bħala eżekutur testamentarju", u f'ebda kapaċità oħra; u għalhekk ittalba tiegħu għandha tiġi eżaminata unikament fuq dik il-bażi, indipendentement minn kull dritt jew interess ieħor

li hu jista' għandu personalment fl-eredità tal-ġenituri tiegħu;

Ikkunsidrat;

Bit-testment tagħhom "unica charta" tas-16 ta' Awissu 1947 (li kopja tiegħu tinsab fil-fol. 16 tal-proċess), il-ġenituri tal-kontendenti, wara li għamlu d-dispożizzjonijiet hemm miġjuba, innominaw "bħala eżekuturi testamentarji ...... konġuntament" lill-attur u lill-kunjatu tiegħu Antonio Zahra (żewġ il-konvenuta), u tawhom "il-fakoltajiet kollha neċessarji". Antonio Zahra miet qabel it-testatur, u l-attur, bis-saħħa tal-art. 815 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 E.R.), ġie konfermat hu waħdu bħala eżekutur. Hu għamel regolarment il-proċeduri preskritti mill-liġi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħda r-Reġina, u assuma l-obligazzjoni ipotekarja meħtieġa. Issa qiegħed jitlob biex, f'din il-kwalità tiegħu ta' eżekutur testamentarju, jieħu minn idejn il-konvenuta d-dokumenti u kotba mniżżlin fin-nota fuq imsemmija;

Kontra din il-pretensjoni, tal-attur, il-konvenuta teċċepixxi:— (a) Illi n-nomina tal-attur hi ta' eżekutur "sempliċi", u hu, għalhekk, ma għandux l-amministrazzjoni tal-assi tad-decujus; (b) illi hi l-eredi universali tal-ġenituri komuni, u l-attur ma għandux dritt li jisposses-saha; (ċ) u t-testment ġa ġie eżegwit, u għalhekk il-funzjoni tal-eżekutur spiċċat;

Ikkunsidrat;

Il-Kodiċi Ċivili, fl-art. 799-816, ma jagħmelx espressament, kif kien jagħmel il-Kodiċi De Rohan, distinzjoni bejn eżekuturi testamentarji "meri" u eżekuturi testamentarji "misti". Iżda, fil-kawża "Dr. Camenzuli et. vs. Sacerdote Lorenzo Psaila", maqtugħa fl-4 ta' Jannar 1882, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet qalet hekk:— "Il Diritto Municipale per queste Isole, ai §§ 34 e 35 del Libro IV, Capo I, distingueva gli esecutori in meri e misti, i primi senza e i secondi con amministrazione...... Tale distinzione non si può dire abolita dalla sezione VII, Parte II, Tit. III, Capo I, dell'Ordinanza VII del 1868 (korrispondenti għall-artikoli

tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmija) per la sola ragione che in quella Sezione, sotto l'intestatura degli esecutori testamentari, non si contemplano che i soli esecutori con amministrazione, giacchè altrimenti bisognerebbe concludere che un testatore non possa incaricare il suo esecutore che delle sole disposizioni per i funerali e del pagamento dei legati — ciò che dai convenuti neppure si pretende" (Kollez. Vol. IX, p. 619). A propożitu ta' dan, huwa ċar illi, jekk dik id-distinzjoni tal-Kodiċi Muniċipali baqgħet isseħħ wara l-promulgazzjoni tal-Ordinanza VII tal-1868, l-istess għadha sseħħ il-lum, għad illi minn dak iż-żmien l-hawn ġiet publikata l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, li skond l-Ordinanza nru. XXVI tal-1936 għandha titqies bħala t-test uniku u awtentiku tal-liġi. Infatti, fl-Iskeda annessa ma' dik l-Ordinanza, fin-numru 4 tagħha, saret riżerva espressa għal dawk il-partijiet tal-Kodiċi Muniċipali li għadhom jistgħu jgħoddu;

Issa, fil-kawża fuq imsemmija, il-konvenuti kienu qegħdin jikkontendu illi, billi t-testatur kien ta lill-eżekutur tiegħu "tutte le facoltà solite accordarsi dalla legge a simili esecutori, e la legge vigente non contemplando che gli esecutori con amministrazione, chiamati misti giusta l'antica legge, tale amministrazione verrebbe al convenuto esecutore accordata in virtù della legge stessa". Dik il-Qorti ċaħdet din it-teżi tal-konvenuti, u qalet:— "Male a proposito i convenuti suppongono che tra le facoltà di un esecutore, con o senza amministrazione, si comprenda quella di impossessarsi di tutti i beni ereditari, di spossessare gli eredi, e di continuare ad amministrarli esclusivamente, finchè si facesse luogo alla loro divisione; il diritto di amministrare i beni del testatore, che colla sua morte diventano, in virtù di trasmissione, beni propri dell'erede, appartiene a costoro in comune; solo quando il patrimonio fosse torbido un testatore suole provvedere per la sua amministrazione finchè fosse sistemato, deputando a tale effetto un amministratore; ma la semplice nomina di un esecutore non potrebbe riferirsi che all'esecuzione di quegli atti nominatamente espressi nel testamento, e specialmente a quelli che devono essere soddisfatti immediatamente dopo

la morte del testatore, come funerali ed accessori e pagamento di legati";

Il-Qorti ċċitat fit-tul minn dik is-sentenza, li ġiet invokata mill-konvenuta, biex *tidher id-differenza bejn* dak il-każ u l-każ preżenti. F'dik il-kawża, il-pretensjoni tal-eżekutur testamentarju kienet, kif ġa ntqal, illi bis-saħħa tan-nomina tiegħu bħala eżekutur sempliċi hu kellu d-dritt jimpossessa ruħu mill-assi ereditarju kollu u jamministrah, billi jaqla' barra kompletament lill-eredi sal-qasma; u s-sentenza fuq ċitata għandha naturalment tinqara fil-kontest *ta' dik il-pretensjoni radikali li kienet qegħedha tiġi* miċħuda. Fil-każ preżenti, inveċe, il-kwistjoni hi wisq iżjed modesta fil-proporzjonijiet tagħha. L-attur fiċ-ċitazzjoni mhux jippretendi ħlief biss li jieħu taħt idejh ċerti karti u dokumenti li hu jgħid li huma neċessarji sabiex jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu; u l-kwistjoni għandha tiġi eżaminata *f'dawn il-limiti*. Jekk, barra *mill-kariga* l-attur qiegħed jippretendi ħwejjeġ oħra, kif allegat il-konvenuta u donnu jidher mid-dokumenti eżibiti minnha, dan ma jistax jifforma meritu ta' l-eżami tal-Qorti f'din il-kawża; u għalhekk għandu, naturalment, jibqa' impreġudikat għal kollox;

Fuq il-kwistjoni hekk ċirkoskritta, din il-Qorti ma *tħossx li jista' jkun hemm dubju illi, skond* is-sens u *l-ispiritu* tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, u bħala punt ta' liġi, l-eżekutur testamentarju, anki jekk sempliċi, għandu d-dritt jitlob pussess u jkollu aċċess għal dawk il-ħwejjeġ tal-eredità, partikolarment dokumenti, li jkunu meħtieġa biex hu jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. L-estensjoni, *mbgħad*, u *l-forma konkreta ta'* dan id-dritt, jiddependu mit-termini tat-testment li bih l-inkarigu jkun ġie mogħti lill-eżekutur;

Din il-Qorti, fil-kawża "Falzon vs. Falzon", maqtugħa fis-27 ta' Ottubru 1890 (li kienet ukoll tirrigwarda eżekutur testamentarju sempliċi, nominat "colle facoltà solite concedersi a simili esecutori"), qalet hekk:— "L'esecutore testamentario è un mandatorio, obbligato, come ogni altro, a contenersi entro i limiti del suo incarico — Diligenter fines mandati custodiendi sunt — L. 5 in prin. ff. Mandati

Egli dunque non ha altre facoltà fuori di quelle necessarie per la esecuzione delle disposizioni contenute nel testamento che non siano dal testatore commesse ad altri" (Kollez. Vol. XII, p. 514-515). L-istess dottrina, illi fil-limiti tal-inkarigu mogħti lilu bit-testment l-eżekutur testamentarju huwa mandatarju tal-mejjet, ġiet ukoll affermata minn din il-Qorti fil-kawża "Azzopardi vs. Fabri", maqtugħa fit-22 ta' April 1932. Del resto, din id-dottrina, illi l-eżekutur, limitatament għall-funzjoni assenjata lilu mit-testatur, huwa mandatarju tiegħu, hija, tista' tgħid, unanimi tal-awturi kollha, għalkemm kollha jistqarru illi, peress li dan il-mandat jibda mal-mewt tal-mandant, meta appuntu jispiċċaw il-mandati kollha, il-forma tal-mandat tal-eżekutur hija pjuttost anomala u speċjali;

Dwar il-pussess tal-ħwejjeġ ereditarji f'idejn l-eżekutur, sistemi ta' liġijiet oħra, għad-differenza tal-liġi tagħna, jagħmlu dispożizzjonijiet espressi. Hekk, per eżempju, l-art. 906 tal-Kodiċi Taljan antik kien jgħid:— "Il testatore può concedere all'esecutore testamentario l'immediato possesso di tutti o di una parte soltanto dei suoi beni mobili; ma tale possesso non può oltrepassare un anno, computabile dal giorno della sua morte"; u l-artikolu ta' wara kien jagħti d-dritt lill-eredi li jtemm dak il-pussess tal-eżekutur billi joffri li jikkunsinnalu ammont ta' flus biżżejjed għall-ħlas tal-legati ta' ħwejjeġ mobili, jew juri li ġa ħallas dawn il-legati, jew jassikura l-ħlas fiż-żmien u bil-mod li ordna t-testatur. Dispożizzjonijiet kważi identiċi kien hemm fil-Kodiċi Franċiż, li kien jiddisponi espressament illi, meta t-testatur ma jkunx ta dak il-pussess lill-eżekutur, dan ma kienx jista' jippretendieh (art. 1206). Iżda n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet bħal dawn fil-liġi tagħna ma jfissirx illi l-eżekutur ma jista' qatt ikollu pussess tal-beni tal-eredità; anzi, għall-kuntrarju, kif ġie osservat fil-kawża "Ciangura vs. Refalo" (P.A. 26.2.1920, Vol. XXIV-II-151), in-nuqqas ta' dawk id-dispożizzjonijiet ifisser illi fil-liġi tagħna ma hemmx neċessarjament dawk il-limitazzjonijiet li huma mposti f'dawk id-dispożizzjonijiet tal-kodiċijiet barranin fuq imsemmija. Kollox, kif ġa ntqal, jiddependi mit-termini tat-testment, konfrontati mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna;

Issa, fil-każ preżenti, l-attur ġie nominat eżekutur testamentarju, u ġie mogħti l-fakoltajiet kollha neċessarji. Una volta li hu ma ġiex mogħti esplicitament funzjonijiet oħra straordinarji, għandu jitqies illi hu għandu biss il-fakoltajiet li tagħti l-liġi lill-funzjonarji simili (ara "Borg vs. Delia et.", P.A. 8.2.1936, Vol. XXIX-II-970). Dawn il-funzjonijiet huma ndubbjament dawk tipiċi u essenzjali ta' kull eżekutur, inerenti fl-isem tiegħu stess, li jeżegwixxi u jikkura l-eżekuzzjoni tal-aħħar rieda tat-testatur, imfissra fit-testment. "L'adempimento del testamento", jgħid il-Pothier, "non comprende soltanto il soddisfacimento dei legati, ma anche quello dei debiti della *successione*, perchè il soddisfacimento di questi debiti fa parte della esecuzione testamentaria" (Trattato dei Testamenti, Capo V, Sez. I, art. II). L'Orsini (ċitat in-nota mill-Laurent, Vol. XIV §253) jgħid:— "L'ufficio di esecutore testa*mentario non si* restringe alla esecuzione del testamento per quanto solamente concerne il pagamento dei legati, ma comprende tutto quanto si attiene alla completa attuazione della volontà del defunto". Anki t-Troplong jgħallem illi:— "Non già soltanto nell'interesse dei legatari gli esecutori sono stati stabiliti, ma nell'interesse del testamento, affinchè la volontà del testatore abbia il suo pieno ed intero effetto" (Donazioni e Testamenti, Cap. V, art. 1031, § 2019);

Biex l-attur jista' jeżegwixxi din il-funzjoni essenzjali tiegħu, hu jippretendi li għandu jkollu l-pussess tal-karti u l-kotba *msemmijin fin-nota tiegħu. Ġa ntqal* aktar il-fuq illi, fil-fehma tal-Qorti, l-eżekutur, bħala liġi, għandu d-dritt li jkollu l-pussess tal-ħwejjeġ ereditarji li huma meħtieġa biex jaqdi l-inkarigu tiegħu. L-ewwelnett, din hi inferenza neċessarja mill-art. *809* tal-Kodiċi *Ċivili*, li jgħid illi "l-eżekutur testamentarju, sew biex iħallas id-djun tal-wirt, jew biex iħallas il-legati, jista', jekk ma jkunx hemm flus fil-wirt, jew ma jkunx hemm biżżejjed, jiġbor krediti, u fin-nuqqas ta' dawn, *ibiegħ ħwejjeġ tal-wirt*'. Dawn *huma* attribuzzjonijiet li, kif jgħid il-Baudry-Lcantinerie, jippresupponu d-dispożizzjoni u l-maniġġ tal-ħwejjeġ meħtieġa għall-adempiment tal-inkarigu tal-eżekutur, ċjoè il-pussess tagħhom (Vol. XI, § 2675). It-tieninett, il-ħtieġa li l-eżekutur ikollu l-pussess tal-ħwejjeġ neċessarji għall-eżekuz-

zjoni tal-inkarigu tiegħu tista' tirriżulta minn natura stess tal-inkarigu, mingħajr bżonn ta' ebda kliem espress, jew wisq anqas sagramentali, fit-testment (ibid. § 2615). Dan il-pussess, kuntrarjament għal dak li ssottomettiet il-konvenuta, mhux inkonċiljabbli mad-drittijiet tal-eredi universali. Huwa veru li skond l-art. 876 tal-Kodiċi Ċivili, "il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet jgħaddi bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni fil-werriet"; iżda, kif jgħallmu l-awturi, il-pussess akkordat lill-eżekutur testamentarju "non è vero possesso, poiche l'esecutore con quel possesso è costituito sequestratario del defunto. Egli non possiede che in nome dell'erede; l'erede è il vero possessore di tutti i beni dell'eredità, secondo la regola 'le mort saisit le vif' " (op. ċit., loc. ċit.);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji, ma jibqgħax ħlief li jiġi eżaminat jekk, fil-każ preżenti, il-ħwejjeġ li tagħhom qiegħed jitlob pussess l-attur humiex tassew neċessarji li jkunu f'idejh biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu. Il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi kollha, tħoss illi, subordinatament għall-provvidimenti infraskritti, l-attur għandu dan id-dritt. Huwa veru li t-testment tal-ġenituri tal-kontendenti, kif jidher mill-provi, ġa ġie, fil-parti l-kbira, eżegwit, u dan aktarx mill-konvenuta; iżda l-attur, fid-diżimpenn tar-responsabilitajiet tiegħu skond it-testment u l-obligazzjonijiet li assuma fl-attijiet tal-proċeduri relativi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, għandu mhux biss id-dritt, iżda anki l-obligu li jaċċerta ruħu illi l-volontà tat-testatur tiġi eżegwita pjenament. Wieħed mill-obligi li kellu l-attur qabel ma ġie konfermat eżekutur, kien dak li jagħmel inventarju tal-assi, kif hu għamel; imma f'dak l-inventarju l-attur, kif isir is-soltu, irriżerva li jikkoreġieh jew jissupplementah, jekk jirriżulta l-bżonn. Appuntu għal dan l-iskop hu għandu jkollu l-ktieb u l-karti tal-amministrazzjoni tal-beni li kienu jinżammu mit-testatur, biex jista' jagħmel il-verifiki meħtieġa. Mill-banda l-oħra, hu għandu wkoll jissodisfa ruħu, billi jkollu f'idejh id-dokumenti relativi, illi l-fondazzjoni ordnata fit-testment tassew saret, li l-legati ġew adempiti, u d-djun tal-wirt tħallsu. Barra

minn dan, l-attur hu obligat jirrendi kont. Huwa veru illi l-konvenuta, bħala l-eredi universali, eżentatu minn dan l-obligu; imma r-rendikont mhux preskritt biss fl-interess tal-eredi, iżda anki tal-eżekutur innifsu. Anki jekk l-attur, bis-saħħa *tan-nomina tiegħu kif formulata* fit-testment, ma għandux l-amministrazzjoni ġenerali tal-assi, u fil-fatt ma jidherx mill-provi li hu amministra ħlief dak li jmiss lilu personalment, jibqa' dejjem li xi kont irid jirrendi, anki biss biex jista' jiġi kwittat u meħlus mill-obligazzjoni ipotekarja li hu assuma;

B'dana kollu, il-Qorti hi ansjuża li d-dritt tal-attur jiġi kemm jista' jkun konċiljat mad-drittijiet u l-interess tal-konvenuta. F'sistemi ta' liġijiet oħra, anki meta l-eżekutur ikun ġie mit-testatur investit bil-pussess tal-beni tal-assi, għar-rigward tal-karti u d-dokumenti tal-eredità, li jistgħu aktarx ikunu utili tant għall-eżekutur kemm għall-eredi, *il-Qrati ddeċedew illi l-eredi, flok ma jikkonsenja* dawk il-karti u dokumenti lill-eżekutur, jista' jitlob li jiddepożitahom f'post publiku għaż-żmien meħtieġ, biex jibqgħu aċċessibbli għat-tnejn (ara Laurent, Vol. 14, § 339; Baudry, Vol. II, § 2625). Il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ tista' tadotta għall-każ provvediment simili. Biss, *kwantu* għad-dokumenti msemmijin fin-numru (1) tan-nota fol. 65, il-konvenuta ġa ddikjarat li hi lesta biex tikkonsenja dawk id-dokumenti lill-attur;

Għaldaqstant;

Din il-Qorti tipprovi fuq dan l-appell bil-mod li ġej:—

Tilqa' t-talba tal-attur għar-rigward tad-dokumenti msemmijin taħt in-numru (1) tan-nota fol-65, relativi għall-kreditu kontra Scardigli Zammit, u tagħti lill-konvenuta ż-żmien ta' tmien tijiem mil-lum biex tikkonsenja lill-attur dawk id-dokumenti;

Tilqa' wkoll it-talba tal-attur relativament għad-dokumenti l-oħra msemmijin taħt in-numri (2), (3), (4), (5) u (6) ta' dik in-nota; iżda fis-sens biss li tordna lill-konvenuta, fi żmien tmien tijiem mil-lum, li tikkonsenja

dawk id-dokumenti lill-attur għal żmien xahar mid-data tal-konsenja, bil-fakoltà lill-konvenuta li, flok tikkonsenjahom lill-attur, tiddepożitahom f'idejn ir-Reġistratur ta' din il-Qorti għall-istess żmien ta' xahar mill-ġurnata tad-depożitu, żmien tmien tijiem mil-lum, b'mod li jkunu liberament aċċessibbli anki għall-attur;

L-ispejjeż, minħabba ċirkustanzi tal-każ, tant tal-ewwel kemm ta' din l-istanza, jibqgħu mingħajr taxxa; imma d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-konvenuta;

U hekk irriformat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-13 ta' Awissu 1957.